Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 156 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Gabriel Micallef

Vs

Matthew Zarb

Illum 02 ta' Marzu, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Matthew Zarb, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 41788M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Dicembru 2014 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
2. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta li bih inghata il-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4. ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;
5. saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBV 657 meta ma kienx licenzjat mill-awtorita' kompetenti sabiex isuq vettura bilmutur, wara li kellu l-licenzja tieghu sospiza b'sentenza tal-Qorti datata 23 ta' Settembru 2014 moghtija mill-Magistrat Dr.F. Depasquale.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "GM 2" – a fol. 8) datat 23 ta' Dicembru 2014 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 42/15 (a fol. 49 et seq.) redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Francesco Depasquale, liema Process Verbal jirrigwarda sejba ta' sustanza suspettata haxixa tal-Cannabis fuq il-persuna ta' Matthew Zarb nhar it-23 ta' Dicembru 2014.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Mejju, 2019, fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ma sabitux hati wkoll lanqas talli rrenda ruhu recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif imsemmi fit-tielet (3) imputazzjoni u b'hekk illiberatu mit-tieni (2) imputazzjoni u minn dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni fejn saret riferenza ghal Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 15 ta' Gunju 2017 u senjatament Artikoli 28 B u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll wara li rat l-Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Matthew Zarb hati tal-ewwel (1), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni u sabitu hati wkoll ta' dik il-parti <u>biss</u> tat-tielet (3) imputazzjoni fejn saret riferenza ghal Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u, filwaqt li gabet fis-sehh is-sentenza ta' sitt (6) xhur prigunerija li kienet giet sospiza ghal erba' (4) snin[1], ikkundannat lill-imputat ghal perijodu iehor ta' tletin (30) xahar prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie **globalment** kundannat ghal perjodu ta' <u>sitta u tletin (36) xahar prigunerija</u> u ikkundannat ukoll ghall-hlas ta' multa ta' tlitt elef Euro (€3000.00).

---

[1] Dok."GM1"–*a fol.*134 *et seq.*.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-hati Zarb sabiex fi zmien sena mill-lum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' tlitt'elef, mitejn u disgha u tletin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€3239.29)[2].

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, il-Qorti ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Matthew Zarb, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Gunju, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti ***jogghobha***

---

[2] PS 422 Neil Caruana u PC 1362 Jonas Schembri (Dok. "NC" – a fol. 62) (€75.64); Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS 1" – a fol. 126 tergo) (€171.34); PS 659 Jeffrey Hughes (Dok. "JH 1" – a fol. 170) (€179.81); Joseph Mallia (Dok. "JM 1" – l-ahhar pagna tar-rapport li jinsab go Envelope Loose) (€619.33); Dr. John Seychell Navarro (Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali) (Dok. "JSN 1" – a fol. 52 tar-rapport li jinsab go Envelope Loose) (€2193.17).

***tikkonferma is-sentenza in kwantu jirrigwardja il-liberatorja mit-*** mit-tieni (2) imputazzjoni u mit-tielet (3) imputazzjoni in kwantu jikkoncerna l-Artikolu 50 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta hekk kif imsemmi, kif ukoll il-htija taht it-tielet (3) imputazzjoni in kwantu jikkoncerna l-Artikolu 49 , ir-raba'(4) u l-hames (5) imputazzjonijiet, filwaqt illi tibdilha u tvarjaha billi, in kwantu jikkoncerna il-htija tal-ewwel akkuza u cioe' dik taht l-Artikolu 8(d) tal-kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-appellant minn kull htija u piena u l-kosegwenti taghha, u f' kaz biss illi ma jintlaqghax l-ewwel aggravju tibdel il-piena inflitta ghal wahda aktar ekwa, gusta u miti li tirrispekkja il-fatti tal-kaz odjern.

Rat **l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**Illi l-appellant**, hass ruhu aggravat minn din is-sentenza, u ghalhekk wara li talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, qieghed jinterponi dan l-umli appell. Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;

1. **L-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghat legalment ssib lill-appellant hati taht l- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, *stante* illi dan qatt ma gie inkluz mill-Avukat Generali fir-Rinviju ghall-Gudizzju, bhala wiehed mill-artikoli;**

Illi l-gurisprudenza nostrana hija konsistenti u cara in kwantu jikkoncerna ir-rabta illi ghandhom fuqhom il-Qrati taghna mal-Artikoli indikati mill-Avukat Generali, fir-Rinviju ghall-Gudizzju tieghu. Illi Qrati taghna, huma marbuta mhux l-akkuza hekk kif inizzjalment tigi pprezentata quddiem il-Qorti, izda li jholl u jorbot huma l-artikoli indikati mil- l-Avukat Generali li jidhrilu illi ghandha tinsab htija dwarhom.

Illi fil-kawza **<u>Ir-Repubbblika ta' Malta vs Anthony Muscat et.</u>** Deciza mill-onorabbli qorti Kriminali fl-14 ta' Frar, 2008 ppreseduta mill- Magistrat llum Imhallef Dr. Edwina Grima, il-Qorti gie ritenut illi;

*' Fl-ewwel lok din il-Qorti tqis li una volta l-Avukat Generali kien baghat in-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju bl-artikoli li tahthom hass li setghat tinstab htija, zball u mhux zball ta' min abbozza dik in-Nota, huwa kien prekluz li wara jzid artikoli ohra li fil-fatt kienu jittraducu ruhhom f' akkuza ohra li ma kienetx inkluza fin-Nota, sia pure li din l-akkuza kienet taffigura bhala l-ewwel akkuza fil-prezentata.'*

Illi dan il-Principju gie ritenut anke fil-proceduri **<u>Il-Pulzija vs Gabriel Stillato</u>** datata nhar it- 13 ta' Gunju, 2013 moghtija mill- Magistrat llum Mhallef, Dr. Edwina Grima, fejn gie ritenut il-Qorti hija marbuta li ssib htija biss ghar-rigward tad-dispozizzjonijiet tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu ghal gudizzju li hija ekwiparata fil-ligi mal-Att tal-Akkuza.

Illi hekk kif jirrizulta *ictu oculi* mill-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali, illi fihom huwa talab illi tinstab htija minn imkien ma jirrizulta l-Artikolu rilevant taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi il-Gurisprudenza, kif sucitat, hija cara illi gialadarba l-Avukat Generali ma jindikax fl-Artikoli tieghu, dispozizzjoni tal-li hi specifika, f' dan il-kaz l-Artikolu 8 (d) tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghat qatt legalment issib lill-appellant hati ta' tali akkuza. Illi hawn ta' min jinnota illi fis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, gie ritenut illi ma hemmx bzonn jinghata l-artikolu specifiku tal-Kapitolu 101 sabiex wiehed jinstab hati. Illi fl-umli fehma tal-appellant tali osservazzjoni hija wahda zbaljata, stante illi l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jissemma biss fin-Nota tal-Avukat Generali (a foglio 212 tal-atti), sabiex permezz tieghu hareg il-kontro-ordni, liema ordni hija seperata mill-hrug tal-

artikoli, kemm fis-sustanz akif ukoll fl-irwol legali taghha. Illi se mai, l-ewwel Onorabbli qorti dehrilha mill-fatti prodotti illi l-appellant kellu jinstab hati tal-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101, din qatt ma setghat taghmel dan stante illi dan l-artikolu qatt ma gie elenkat mill- Avukat Generali, liema artikoli, gahndhom ikun l-uniku bazi ta' htija, jekk ikun il-lok, tal-Qorti li qed tippresjedi il-gudizzju.

**2. Il-piena inflitta hija wahda eccessiva u timmerita revizjoni;**

Illi dan l-aggravju qieghed jigi ssolevat, minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti**.**

Illi kif diga' gie ritenut diversi drabi, huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza penali nostrana, illi mhux in-norma illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba id-diskrezzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti.

Kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci,** *"mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler"** [26.2.2009]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz* (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena). *(Ara wkoll **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard"** [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"*

Illi in kwantu jikkoncerna tali piena, tenut kont il-fatturi kollha tal-kaz, piena effettiva karcerarja ta' tletin xahar (30), in kwantu jikkoncerna is-sejbien ta' htija taht l-Kapitolu 101, zgur illi ma kienetx idonea. Illi dan qieghed jinghad, in vista tal-koperazzjoni shieha u bikrija tal-appellant, illi mhux biss ikkopera mal-Pulizija izda ammetta maghhom il-pussess tad-droga cannabis. Illi tali piena zgur ma jistghax jinghad illi holqot bilanc bejn tali hsara illi sfortunatamnet ikkawza b' emilu l-appellant u l-gustizzja illi trid tidher illi qed issehh. Illi hekk kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil- kawza **Il-Pulizija vs. Gide Idris Mahder**

*Illi wiehed mill-iskopijiet tal-piena huwa li jigi rripristinat it-tessut socjali li jkun gie imcarrat bleghmil kriminali ta' dak li jkun. Skop iehor hu li tigi protetta s-socjeta'.Dan l-iskop jitwettaq kemm billi filkaz ta' persuni li b' eghmilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu nkarcertati w ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reat gravi, s-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dejjem iridu jipprovaw isibu bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-ewwel aggravju u dan fl-ahhar seduta qabel ma din il-kawza giet differita ghas-sentenza preliminari.

Ikkunsidrat;

Illi din is-sentenza hija limitata dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet legalment issib lill-appellant hati taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi dan qatt ma gie inkluz mill-Avukat Generali fir-Rinviju ghall-Gudizzju bhala wiehed mill-artikoli. L-appellant jissottometti li l-Qrati taghna huma marbuta mhux bl-akkuza hekk kif inizzjalment ipprezentata quddiem il-Qorti, izda li jholl u jorbot huma l-artikoli indikati mill-Avukat Generali li jidhirlu illi ghandha tinsab htija dwarhom. Jissottometti li fl-artikoli elenkati mill-Avukat Generali li fihom talab li tinsab htija minn imkien ma jirrizulta l-artikolu relevanti taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Li skont l-appellant la darba l-Avukat Generali ma indikax fl-artikoli tieghu dispozizzjonijiet tal-

ligi specifika, f'dan il-kaz l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel Qorti ma setghet qatt legalment issib lill-appellant hati ta' din l-akkuza. L-appellant ma jaqbilx li ma hemmx bzonn li jinghata l-artikolu specifiku tal-Kapitolu 101 sabiex wiehed jinstab hati. Jissottometti li l-Kapitolu 101 jissemma fin-nota tal-Avukat Generali a fol 212 tal-atti li permezz tieghu hareg il-kontro-ordni, liema ordni hija separata mill-hrug tal-artikoli, kemm fis-sustanza u l-irwol taghha. Jissottometti li l-artikoli ghandhom ikunu l-uniku bazi ta' htija jekk ikun il-lok, tal-Qorti li qed tippresjedi l-gudizzju.

L-appellant quddiem l-Ewwel Qorti fit-trattazzjoni tieghu jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '***<u>IL-PULIZIJA SPETTUR VICTOR AQUILINA SPETTUR EDMOND CUSCHIERI KONTRA KEVIN BORG ta' 33 sena, iben John u Carmen xebba Pace, imwieled tal-Pieta' nhar is-6 ta' Lulju, 1979, residenti fil-fond Little Roses, Flat 8a, Triq C De Brockdorff, Msida ,detentur tal-karta ta' l-identita' numru 330679M;'</u>*** [3]

fejn f'dik is-sentenza gie kkunsidrat li:

*'Rat pero li l-Avukat Generali naqas milli jibghat il-Kontro Ordni ghal dawk ir-reati mahsuba taht il-Kapitolu 31 tal- Ligijiet ta' Malta.*

*In vista' ta' hekk, id-Difiza prezentat nota u anke ghamlet trattazzjoni fiz-zewg istanzi ferm studjati. Minn naha tieghu l-Avukat Generali, konxju issa ta' l-izball (ghax hekk kien, din il-Qorti ma tabbraccjax it-teorija ta' rinunzja) prezenta rikors a folio 537 fejn talab lill-Qorti (bhala issa Qorti ta' Gudikatura Kriminali, issa li kien baghat l-ewwel Kontro Ordni u l-Artikoli) biex fejn jirrigwardja r-reati taht il- Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, terga' tirrinivija l-process u b'hekk, wara anke li jigu sanati l-atti b'rinviju ta' hamest ijiem, tintbaghat il-Kontro Ordni wkoll taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti semghet trattazzjonijiet studjati u waslet ghad-digriet taghha tat-18 ta' April, 2012, folio 563. Konsegwenti ghal dan, l-Avukat Generali*

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Ottubru, 2012 (Numru 69/2010)

*issa baghat ukoll il-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li l-kaz odjern u dak sucitat huma simili. Filwaqt li fil-kawza sucitata, l-izball kien li l-Avukat Generali ma baghatx il-kontro ordni taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kaz odjern, l-Avukat Generali filfatt baghat il-kontro-ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, izda l-lanjanza tal-appellant hija li l-Avukat Generali ma indikax taht liema artikoli tal-Kapitolu 101 dehrlu li ghandha tinsab htija.

L-appellant fl-appell tieghu jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta Vs Anthony Muscat Simon Muscat Lawrence Muscat Timothy Gauci'**[4] fejn inghad:

'*Fil-fehma ta' din il-Qorti saru diversi zbalji fl-iter processwali. Fl-ewwel lok din il-Qorti tqis li una volta l- Avukat Generali kien baghat in-Nota tar-Rinviju ghall- Gudizzju bl-artikoli li tahthom hass li setghet tinstab htija, zball u mhuz zball ta' minn abbozza dik in-Nota, huwa kien prekluz li wara jzid artikoli ohra li fil-fatt kienu jittraducu ruhom f' akkuza ohra li ma kienetx inkluza fin- Nota, sia pure li din l-akkuza kienet tiffigura bhala l-ewwel akkuza fil-prezentata. Ghalhekk l-Avukat Generali ma kellux dritt li jirrikorri ghall-espedjent tar-rikors biex jikkorregi n-Nota a tenur tal-artikolu 175 tal-Kap.12 rez applikabbli ghall-proceduri kriminali, u dan ghaliex b' hekk zgur li kien qieghed kien qed imur kontra l-principju dezunt mill-art. 597(1) tal-Kap.9 fuq citat ghax kien qed jirrendi aktar gravi r-reat.*

*Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati ma kelliex tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni w se mai kellha tinnota li l-akkuzi taht l- art. 248A u 248E citati mill-Avukat Generali setghu kienu diga' jaqbzu l-kompetenza taghha w konsegwentement kellha tirrinvija l-atti lill-Avukat Generali ghal din ir-raguni w mhux ghar-raguni li skondha (w korretement) emergiet wara il-korrezzjoni fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju minnha awtorizzata.*'

---

[4] Deciza mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Frar, 2008 (Numru: 22/2007)

Din il-Qorti ma tqis din is-sentenza citata mid-difiza bhala relevanti ghal argument imressaq fl-ewwel aggravju tal-kaz odjern. L-istess jinghad dwar is-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) Vs Gabriel Sillato, ta' 24 sena, bin Anthony u Maria nee' Vella, imwieled Victoria, nhar il-26 ta' Novembru 1988, residenti fil-fond numru S.S.Couri, Triq Guze Micallef, Rabat u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 489G'** [5] fejn gie kkunsidrat:

'*Billi ghalhekk l-Qorti hija marbuta li issib htija biss ghar- rigward tad-disposizzjonijiet tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu ghal gudizzju li hija ekwiparata fil-ligi mal-Att ta'l-Akkuza, hija ghalhekk prekluza milli issib htija il-konfront ta'l-imputat ghal ksur ta' dina id-disposizzjoni tal-ligi.*'

Din is-sentenza hija wkoll irrelevanti ghal lanjanzja mertu tal-ewwel aggravju u dan stante li l-akkuzi ma kienux jirrigwardaw il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti sejra ghalhekk issa tqis dak li jirrizulta mill-atti f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li a fol 8 tal-atti u cioe fid-dokument immarkat bhala 'Dok GM2' fl-ordni datata t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u cioe' Kapitolu 101 ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provediment tal-istess Ordinanza. Sussegwentement, fil-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) a fol 212 l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22, u tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ordna sabiex l-imputat jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provediment tal-isess Ordinanza. Fl-istess ordni l-Avukat Generali dehrlu li l-kumpilazzjoni tista' tinstab

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Gunju, 2013 (Numru 15/2011)

htija (jew htijiet) taht numru ta' artikoli, liema artikoli msemmija mill-Avukat Generali kienu dawk taht il-Kapitolu 9 u 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk jirrizulta li l-Avukat Generali ma ndikax artikoli taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li tahthom hass li kellha tinstab htija. Ghalhekk dak li l-appellant qieghed jikkontendi hu, li la darba l-Avukat Generali ma semmiex u cioe' ma indikax taht liema artikolu tal-Kapitolu 101 kien qieghed jitlob li tinsab htija, il-Qorti ma setghetx issib htija taht il-Kapitolu 101.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mid-difiza f'dan ir-rigward. A fol 212 huwa evidenti li l-Avukat Gnerali kien qieghed jordna li l-imputat jigi processat fuq akkuzi migjuba kontrih dwar ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza. F'dan ir-rigward l-artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

'*Minkejja li l-Avukat Ġenerali jkun ordna skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(2), li persuna tiġi proċessata mill-Qorti Kriminali, huwa jista', f'kull żmien qabel ma jippreżenta l-att tal-akkuża, jew f'kull żmien wara li jippreżenta l-att tal-akkuża u qabel ma jintagħżel il-ġuri, u bil-kunsens tal-akkużat, jordna li dik il-persuna tiġi proċessata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u malli jsir dak l-ordni l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tkun kompetenti li tipproċessa lil dik il-persuna daqs li kieku ma jkun ingħata ebda ordni qabel. Meta l-Avukat Ġenerali jkun ta ordni ġdid bħal dak wara l-preżentata tal-att tal-akkuża, ir-reġistratur tal-Qorti Kriminali għandu jara li l-inkartament jintbagħat lill-Qorti tal-Maġistrati, u jara li kopja tal-ordni tal-Avukat Ġenerali tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.*'

Dan huwa dak li gara f'dan il-kaz. Ghalkemm inizzjalment l-Avukat Generali kien ordna li l-appellant jigi processat mill-Qorti Kriminali, sussegwentement ordna li l-imputat jigi processat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan taht l-Ordinanza u cioe' taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Avukat Generali ma kellu l-ebda obbligu li jindika taht liema artikoli tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta kien jidhirlu li ghandha tinstab htija u ghalhekk il-Qorti setghet issib htija ta' artikoli taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, anke jekk dawn ma kienux indikati mill-Avukat Generali. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti fejn ikkunsidrat li:

*'Il-Qorti tinnota li ai termini ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa l-Avukat Generali li jordna jekk persuna akkuzata b'reat kontra Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jigix mressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal- Magistrati (Ghawdex). Huwa Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta li jghid li minkejja li l-Avukat Generali jkun ordna li persuna tigi processata mill-Qorti Kriminali li huwa jista' f'kull zmien qabel ma jipprezenta l-Att tal-Akkuza jew f'kull zmien wara li jipprezenta l-Att tal-Akkuza u qabel ma jintghazel il-guri, u bil-kunsens tal-akkuzat, jordna li dik il- persuna tigi processata quddiem il-Qorti tal-Magistrati u malli jsir dak l-ordni (maghruf bhala l-Kontro-Ordni) li l-Qorti tal- Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tkun kompetenti li tipprocessa lil dik il-persuna daqs li kieku ma jkun inghata ebda ordni qabel. Ai termini ta' Artikolu 32 tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta:*

*"Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 370 tal- Kodici Kriminali u bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal- Artikolu 31, il-Qorti tal-Magistrati tkun kompetenti li tipprocessa r-reati kollha kontra din l-Ordinanza kif ordnat mill-Avukat Generali skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 22(2)".*

*M'huwiex rikjest mill-Avukat Generali li jindika l-Artikoli tal- Ligi tal-akkuzi li jemergu minn Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda ghalhekk tichad l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-appell.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur